

- 2) Ir-rikorrenti u l-parti l-oħra fil-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll, kull wieħed minnhom, in-nofs tal-ispejjeż tal-konvenut.

(¹) ĠU C 359, 7.12.2013.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Jannar 2015 – Kicks Kosmetikkedjan vs UASI – Kik Textilien (KICKS)

(Kawża T-532/13) (¹)

(*“Trade mark Komunitarja — Oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”*)

(2015/C 107/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Kicks Kosmetikkedjan AB (Stokkolma, l-Isvezja) (rappreżentant: K. Strömholm, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: I. Harrington, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Kik Textilien und Non-Food GmbH (Bönen, il-Ġermanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-25 ta' Lulju 2013 (Każ R 991/2012-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Kicks Kosmetikkedjan AB u Kik Textilien und Non-Food GmbH.

Dispożittiv

1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni.

2) Ir-rikorrenti u l-parti l-oħra fil-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll, kull wieħed minnhom, in-nofs tal-ispejjeż tal-konvenut.

(¹) ĠU C 359, 7.12.2013.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2014 – Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-758/14)

(2015/C 107/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Infineon Technologies AG (Neubiberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Brinker, U. Soltész, P. Linsmeier, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea fil-Każ AT.39574 – Smart Card Chips tat-3 ta' Settembru 2014 (notifikata lir-rikorrenti fil-5 ta' Settembru 2014), b'mod partikolari l-Artikolu 1(a), l-Artikolu 2(a) u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 4;

- sussidjarjament, tordna tnaqqis sostanzjali tal-multa imposta fuq Infineon Technologies AG skond l-Artikolu 2(a) tad-deċiżjoni; u
- tordna lill-Kummissjoni Ewropea tħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti fil-proċedura preżenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz tar-rikors preżenti tagħha, ir-rikorrenti qed titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 6250 finali, tat-3 ta' Settembru 2014, fil-Każ Nru AT.39574 – Smart Card Chips.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv jallega li l-Kummissjoni kisret id-dritt għal smiġh tar-rikorrenti, b'mod partikolari meta naqset li tadotta dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġdida. Ir-rikorrenti tissottometti illi:
 - il-Kummissjoni naqset milli tippreżenta l-provi b'mod li kien jippermetti lir-rikorrenti tidentifika l-aġir li sar ilment fuqu sabiex tkun tista' tiddefendi ruħha b'mod xieraq;
 - il-Kummissjoni kisret id-drittijiet proċedurali ta' Infineon meta introduċiet elementi ta' provi ewlenin fi stadju tard ħafna tal-proċedura u b'riżultat ta' dan Infineon ma setgħetx tiddefendi ruħha b'risposta eżawrjenti lid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u ġiet imċaħħda mill-opportunità li tirribatti l-provi miġjuba kontrieha f'seduta għas-sottomissjonijiet orali; u
 - uħud mid-dokumenti li bbażat l-argumenti tagħha fuqhom il-Kummissjoni ma ġewx żvelati lil Infineon u ma jistgħux jiġu użati kontriha.
2. It-tieni motiv jallega li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u d-drittijiet tad-difiża ta' Infineon meta applikat "proċess imħaffef".
3. It-tielet motiv jallega li l-kuntatti ta' Infineon mal-kompetituri tagħha li sar riferiment għalihom fid-Deċiżjoni ma kisrux l-Artikolu 101(1) TFUE. Ir-rikorrenti tissottometti illi:
 - il-provi li bbażat ruħha fuqhom il-Kummissjoni ma humiex kredibbli u għaldaqstant ma humiex suffiċjenti sabiex jistabilixxu l-fatti kif deskritti fid-Deċiżjoni lil hinn minn kull dubju raġjonevoli (*in dubio pro reo*); u
 - il-fatti kif deskritti mill-Kummissjoni ma jikkostitwixxux "restrizzjoni minħabba l-għan" kif issostni l-Kummissjoni.
4. Ir-raba' motiv jallega li l-Kummissjoni wettqet żball manifest meta applikat il-kunċett ta' "ksur uniku u kontinwat" (KUK), peress li, l-ewwel nett, Infineon kienet responsabbli biss għal seba' kuntatti bilaterali (minn total ta' 41 kuntatt), fit-tieni nett, ma kinitx taf bihom u, fl-aħħar nett, ma setgħetx raġonevolment tipprevedi l-kuntatti bilaterali bejn il-parteċipanti l-oħra.
5. Il-ħames motiv jallega li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti meta kkalkolat il-multa billi ma naqqsitx il-fatturat mill-"valur tal-bejgħ" (il-bażi li fuqha ġiet ikkalkolata l-multa) li b'mod ċar ma ġietx affettwata mill-ksur.
6. Is-sitt motiv jallega li l-Kummissjoni kisret il-linji gwida tagħha stess fuq multi u kisret ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità, b'mod partikolari meta ffixsat "il-perċentwali tal-gravità" fl-istess livell għall-partijiet kollha.